

Talbiet

- tiddikjara li t-talba mressqa mill-Kummissjoni Ewropea lill-EKETA biex jirrimborsa l-ammont ta' EUR 211 185,95 mill-pagament irċevut minnu għall-proġett ASK-IT, liema talba saret fin-nota ta' debitu Nru 3241615292/29.11.2016, hija infondata fir-rigward tas-somma ta' EUR 143 910,77;
- tiddikjara li s-somma ta' EUR 143 910,77 tikkostitwixxi spejjeż eliġibbli u li l-EKETA ma huwiex obligat iħallas lura dik is-somma lill-Kummissjoni Ewropea, u
- tordna lill-Kummissjoni Ewropea tbat i-ispejjeż tar-rikorrent.

Motivi u argumenti prinċipali

1. B'dan ir-rikors, l-Ethniko Kentro Erevnas kai Technologikis Anaptyxis (EKETA) jikkontesta t-talba mressqa mill-Kummissjoni permezz tan-nota ta' debitu tagħha Nru 3241615292/29.11.2016, fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-proġett ASK-IT. Permezz ta' dik in-nota ta' debitu, il-Kummissjoni talbet lill-EKETA jirrimborsa parti mill-pagament li rċieva mingħandha għall-proġett ASK-IT, somma ta' EUR 211 185,95. Din it-talba saret wara awditu fuq il-post li twettaq mill-Kummissjoni Ewropea fl-uffiċċji tar-rikorrent.
2. F'dak il-kuntest, ir-rikorrent isostni li l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 272 TFUE, għandha tiddikjara li, mill-ammont imsemmi fin-nota ta' debitu, is-somma ta' EUR 143 910,77 tikkostitwixxi spejjeż eliġibbli u li l-EKETA ma huwiex marbut li jħallas dik is-somma lill-Kummissjoni.
3. L-EKETA jsostni li l-imsemmi ammont ta' EUR 143 910,77 jikkostitwixxi spejjeż tal-persunal, spejjeż ta' subappalt u spejjeż indiretti eliġibbli, li l-Kummissjoni ċaħdet b'mod żbaljat bħala ineliġibbli. L-eliġibbiltà tal-ispejjeż tar-rikorrent hija pprovata mill-evidenza ppreżentata lill-Kummissjoni Ewropea fl-awditu fuq il-post u f'korrispondenza sussegwenti u li dan jippreżenta lill-Qorti Ġenerali.

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2017 – Menta y Limón Decoración vs EUIPO – Muniċipalità ta' Santa Cruz de La Palma (Rappreżentazzjoni ta' raġel b'kostum reġjonali)**(Kawża T-183/17)**

(2017/C 151/54)

*Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol***Partijiet***Rikorrenti:* Menta y Limón Decoración, SL (Argame, Spanja) (rappreżentant: E. Estella Garbayo, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Muniċipalità ta' Santa Cruz de La Palma (Santa Cruz de La Palma, Spanja)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea (Rappreżentazzjoni ta' raġel b'kostum reġjonali – Trade mark tal-Unjoni Nru 10 822 013)*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Jannar 2017 fil-Każ R 510/2015-4**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

- tikkonferma d-deċiżjoni tat-28 ta' Jannar 2015 mogħtija fl-ewwel istanza mid-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-EUIPO, li tiċħad totalment l-applikazzjoni għat-Trade mark Komunitarja Nru 10 822 013 li saret mill-muniċipalit  ta' Santa Cruz de La Palma;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-proċedura odjerna kif ukoll għal dawk tal-proċedimenti tal-appell u ta' dikjarazzjoni ta' invalidit .

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2017 – EKETA vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-189/17)

(2017/C 151/55)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrent: Ethniko Kentro Erevnas kai Technologikis Anaptyxis (EKETA) (Thessaloniki, il-Greċja) (rappreżentanti: V. Christianos u S. Paliou, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tiddikjara li t-talba mressqa mill-Kummissjoni Ewropea lill-EKETA biex jirrimborsa l-ammont ta' EUR 64 720,19 mill-pagament irċevut minnu għall-proġett HUMABIO, liema talba saret fin-nota ta' debitu Nru 3241615288/29.11.2016, hija infondata fir-rigward tas-somma ta' EUR 27 830,27;
- tiddikjara li s-somma ta' EUR 27 830,27 tikkostitwixxi spejjeż eliġibbli u li l-EKETA ma huwix obligat iħallas lura dik is-somma lill-Kummissjoni Ewropea, u
- tordna lill-Kummissjoni Ewropea tbatli l-ispejjeż tar-rikorrent.

Motivi u argumenti prinċipali

1. B'dan ir-rikors, l-Ethniko Kentro Erevnas kai Technologikis Anaptyxis (EKETA) jikkontesta t-talba mressqa mill-Kummissjoni permezz tan-nota ta' debitu tagħha Nru 3241615288/29.11.2016, fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-proġett HUMABIO. Permezz ta' dik in-nota ta' debitu, il-Kummissjoni talbet lill-EKETA jirrimborsa parti mill-pagament li rċieva mingħandha għall-proġett HUMABIO, somma ta' EUR 64 720,19. Din it-talba saret wara awditu fuq il-post li twettaq mill-Kummissjoni Ewropea fl-uffiċċji tar-rikorrent.
2. F'dak il-kuntest, ir-rikorrent isostni li l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 272 TFUE, għandha tiddikjara li, mill-ammont imsemmi fin-nota ta' debitu, is-somma ta' EUR 27 830,27 tikkostitwixxi spejjeż eliġibbli u li l-EKETA ma huwix marbut li jħallas dik is-somma lill-Kummissjoni.
3. L-EKETA jsostni li l-imsemmi ammont ta' EUR 27 830,27 jikkostitwixxi spejjeż tal-persunal u spejjeż indiretti eliġibbli, li l-Kummissjoni ħadhet b'mod żbaljat bħala ineliġibbli. L-eliġibbilt  tal-ispejjeż tar-rikorrent hija pprovata mill-evidenza ppreżentata lill-Kummissjoni Ewropea fl-awditu fuq il-post u f'korrispondenza sussegwenti u li dan jippreżenta lill-Qorti Ġenerali.